Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Steven Sciriha

Vs

Breakmode Poala

CCT 14/26/MM

Illum, 28 ta' April 2026

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrent ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2026 fejn talab is-somma ta' elf mitejn disgħa u disgħin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€1,299.99), rappreżentanti l-valur ta' mobile phone li r-rikorrent ta' lis-soċjeta' intimata għat-tiswija matul il-perjodu tal-garnazija u li baqa' ma ssewwiex.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent qegħda titlob is-somma ta' elf mitejn disgħa u disgħin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€1,299.99), rappreżentanti l-valur ta' mobile phone li r-rikorrent ta' lis-soċjeta' intimata għat-tiswija matul il-perjodu tal-garnazija u li baqa' ma ssewwiex. Illi fis-

seduta tal-24 ta' Frar 2026 ir-rikorrenti xehed bil-ġurament u stqarr li l-mobile phone tiegħu tal-għamla Samsund Fold 4 beda jieqaf u jintefa u kien kellem lill-intimat sabiex jirranġaħ, jibdlu jew jagħtiħ il-flus lura. Illi wara trepass ta' sena u xahrejn il-mobile għadu għand l-intimat u r-rikorrent għadu jistenna rimedju.

Illi l-intimat irrisponda billi qal li meta l-mobile ġie eżaminat irriżulta li l-ħsara kienet dovuta għall-ħsara fil-ħinges u dan kien tort ta' negligenza mill-utent stess stante li l-mobile kien juri sinjali ta' *'heavy wear and tear'*. L-initmat isostni li r-rikorrent kien aċċetta li jħallas għat-tiswija b'turija ċara li kien ammetta t-tort u aċċetta li l-ħsara fil-mobile phone ma kinietx koperta bil-garanzijja. Illi fir-risposta tiegħu l-intimat jagħmel referenza għal xi korrispondneza iżda tali korrispondenza ma ġietx esebita fl-atti. Illi l-intimat imnkejja li debitament notifikat bl-abbiż tas-smiegħ naqas li jattendi għas-seduti sabiex jaghti x-xhiedha tiegħu.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti tibbaża l-azzjoni tagħha fuq il-provvedimenti tal-għaxar taqsima tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-taqsima hija msejħa "*Bejgħ ta' oġġetti lill-Konsumatur*". A tenur tal-artikolu 73 ta' dan l-Att:

(1) Il-kummerċjanti għandhom l-obbligu jikkunsinnaw lill-konsumaturi oġġetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ, u skont hekk ikollhom l-obbligu li jiżguraw li l-oġġetti –

(a) jkunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija mill-kummerċjant u jkollhom il-karatteristiċi, l-fattizzi u lkwalitajiet tal-oġġetti li l-kummerċjant jkun wiegħed jew ikun wera jew xort'oħra ppreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell;

(b) jkunu adattati għall-iskop partikolari li għalih ilkonsumatur ikun jeħtieġhom u li jkun għarraf bihom lillkummerċjant meta kien qed jagħmel il-kuntratt;

(ċ) jkunu adattati għall-iskop li għalih oġġetti tal-istess tip normalment jintużaw; u

(d) juru l-kwalità u l-kapaċità li huma normali f'oġġetti talistess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna, fil-qies tax-xorta tal-oġġetti u meta jitqiesu ddikjarazzjonijiet pubbliċi dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-oġġetti li jsiru dwarhom sew mill-kummerċjant, mill-produttur jew mir-rappreżentant tiegħu, partikolarment flirreklamar jew fuq it-tikketti....

L-artikolu 74 jaqra hekk:

(1) Il-kummerċjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skont dan l-artikolu lill-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità fl-oġġetti li kienet teżisti meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati mill-kummerċjant lill-konsumatur. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, għandu jkun il-konsumatur li jiddeċiedi x'rimedju għandu jitlob.

(2) Fil-każ ta' tali nuqqas ta' konformità, il-konsumatur ikollu jedd jew –

(a) li l-oġġetti jinġiebu konformi bla ebda ħlas billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, skont l-artikolu 75(1), jew

(b) li jirċievi ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, skont l-artikolu 76(1) jew (2).

L-artikolu 75 imbagħad jipprovdi li:

(1) Sakemm ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat, il-konsumatur jista', fl-ewwel lok, jeħtieġ lill-kummerċjant isewwi l-oġġetti jew inkella jirrimpjazzjahom, f'kull każ bla ebda ħlas.

(2) Rimedju jitqies li jkun sproporzjonat jekk ikun jimponi spejjeż fuq il-kummerċjant li, b'paragun mar-rimedji alternattivi li jeżistu taħt din it-Taqsima, ma jkunux raġonevoli, meta jitqiesu –

(a) il-valur tal-oġġetti li kieku ma kienx hemm nuqqas ta' konformità,

(b) xi jkun ifisser dak in-nuqqas ta' konformità, u

(ċ) jekk ir-rimedju alternattiv ikunx jista' jitlesta għal kollox mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

(3) Kull tiswija jew rimpjazzament għandhom jitlestew, kemm ikun prattikament malajr, fi żmien raġonevoli u mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur, meta titqies ix-xorta tal-oġġetti u l-iskop li għalih ilkonsumatur jkun ħtieġ dawk l-oġġetti.

Finalment, skont l-artikolu 76:

(1) Il-konsumatur jista' jeħtieġ riduzzjoni adattata fil-prezz jew li ssir ir-rexxissjoni talkuntratt –

(a) meta l-konsumatur ma jkun jista' jikseb la r-rimedju ta' tiswija lanqas dak ta' rimpjazzar, jew

(b) jekk il-kummerċjant ma jkunx spiċċa r-rimedju ta' tiswija jew ta' rimpjazzar fi żmien raġonevoli, jew

(ċ) jekk il-kummerċjant jkun jista' biss jipprovdi jew jispiċċa r-rimedju ta' tiswija jew rimpjazzar b'inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

(2) Il-konsumatur ma jkollux jedd għar-rexxissjoni talkuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità miegħu jkun wieħed minuri u insinjifikanti.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe' dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi meta wieħed jixtri ħaġa, għandu dritt li din il-ħaġa ma tkunx difettuż, u li tkun tal-kwalita` pattwita. Fil-kaz in eżami, hemm kunflitt dwar il-kawża tad-difett fil-mobile phone. It-Tribunal iqis li l-oneru tal-prova dwar il-kawża tal-ħsara, ladarba ġie stabbilit li l-prodott huwa milqut minn difett, ma jistax jibqa' biss fuq allegazzjoni ġenerika mingħajr sostenn tekniku. F'dan il-każ, l-intimat ma pproduċa l-ebda prova teknika, rapport ta' espert jew evidenza oħra li tissostanzja li l-ħsara kienet riżultat tan-negligenza jew l-użu ħażin tar-rikorrent.

It-Tribunal ifakkar li, skont il-prinċipji legali dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, il-bejjiegħ huwa obbligat jiżgura li l-prodott ikun konformi mal-kuntratt, adatt għall-użu maħsub u mingħajr difetti. Din ir-responsabbiltà hija diretta lejn il-konsumatur u f'każ ta' ħsarat jew difetti koperui mill-garanzijja għandu jiżgura li jipprova jsewwi, jew jibdel jew jagħti l-flus lura.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal iqis li l-intimat naqas milli jipprova li l-ħsara ma kinietx koperta mill-garanzijja. Illi fil-fatt l-initmat ma ppreżenta assolutament l-ebda prova

u l-fatt li kien hemm trepass ta' aktar minn sena u xahrejn fejn il-mobile phone kien għandu għat-tisqija titfa lenti kemm xejn negattiva fuq l-operat tiegħu. Għalhekk dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, il-verżjoni tar-rikorrent hija iktar verosimili jew plawsibbli u għalhekk l-attur irnexxilu jissodisfa l-oneru tal prova illi fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet mill-preponderanza tal-provi huwa tassew minnu li l-intimat naqas li jsewwi l-mobile phone u għalhekk it-Tribunal ma jarax għaliex m'għandux jagħddi biex jilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Illi fir-rigward tal-quantum, it-Tribunal iqis li, filwaqt li ġie stabbilit li l-ħsara ġiet rappurtata fil-21 ta' Diċembru 2024, b'dan li r-rikorrenti għamel użu tal-istess mobile għal sentejn sħaħ minn meta nxtara fil-31 ta' Diċembru 2022.
Għalhekk it-Tribunal ser jieħu inkunsiderazzjoni t-tnaqqis fi-valur u l-użu li sar mill-prodott matul dan il-perjodu. Meta wieħed iqis li tali apparat għandu ħajja ekonomika limitata u li r-rikorrenti gawda minn użu sostanzjali tiegħu għal perjodu ta' madwar nofs il-ħajja utli tiegħu, ikun ġust u proporzjonat li jingħata kumpens li jirrifletti l-valur residwu tal-istess apparat.

Fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut fl-ammont ta' disa' mitt Ewro (€900), li jikkostitwixxi somma raġonevoli u proporzjonata fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.

Deċiżjoni

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u qed jordna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti is-somma ta' disa' mitt ewro (€900), fi żmien ġimgħa mil llum. Il-mobile phone għandu jinżamm mill-initmat.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tal-intimata.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru